C/2024/1574

5.3.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-battalja globali tal-offerti — mill-inizjattiva Ċiniża 'Triq tal-Ħarir il-ġdida' sal-istrateġija tal-UE 'Global Gateway': il-viżjoni tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea"

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/1574)

Relatur: **Stefano PALMIERI**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	25.1.2023
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
	Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni
Adozzjoni fis-sezzjoni	16.11.2023
Adozzjoni fil-plenarja	14.12.2023
Sessjoni plenarja Nru	583
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	187/0/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' d-deċiżjoni tal-UE li tippromovi l-prinċipju ta' awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, li jfittex li jinvesti fit-tixrid tal-valuri demokratiċi, l-istandards għoljin, il-governanza tajba u t-trasparenza permezz ta' proġetti infrastrutturali ta' suċċess. Għal dan l-għan, il-KESE jilqa' t-tnedija tal-inizjattiva Global Gateway fi tmiem l-2021.

1.2. Il-KESE jirrikonoxxi li xi atturi — primarjament iċ-Ċina u l-Istati Uniti — imxew 'il quddiem aktar malajr mill-Unjoni Ewropea (UE), li parzjalment qed tpatti għal koordinazzjoni dgħajfa fil-livell ċentrali u l-fatt li huwa diffiċli li tiġi promossa politika ta' investiment unifikata u kompetittiva.

1.3. Il-KESE jargumenta li l-Global Gateway se jsaħħaħ ir-rabtiet ekonomiċi u politiċi mal-pajjiżi msieħba tal-UE, u jiżgura r-rispett għall-prinċipji demokratiċi u soċjali tagħha, u fl-istess ħin li jippermetti lill-UE tikkompeti b'mod effettiv globalment fil-forniment tal-infrastruttura.

1.4. Il-KESE jenfasizza l-importanza li l-programmi ta' investiment tal-Global Gateway ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni mhux biss tqis l-aspetti ta' rilevanza ġeopolitika strateġika, iżda tiżgura wkoll il-parteċipazzjoni demokratika fl-inizjattivi ta' żvilupp fil-pajjiżi msieħba u tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-proġetti.

1.5. Il-KESE jinnota li n-natura inklużiva tal-Global Gateway tippermetti lill-Istati Membri tal-UE jippromovu inizjattivi ta' infrastruttura u ta' investiment f'pajjiżi barra mill-UE — inklużi fil-kuntest tal-Global Gateway — mingħajr ma jkunu soġġetti għal valutazzjoni minn qabel tal-impatt u għal sorveljanza diretta mill-istituzzjonijiet Ewropej jekk ma jkunu ntalbu l-ebda fondi tal-UE. F'dan il-kuntest, il-KESE huwa mħasseb ħafna li proġetti li ma jissodisfawx l-istandards ta' kwalità għolja, bħal dawk stabbiliti fid-dokumenti tal-UE li jirregolaw il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-impatti soċjali u ambjentali jistgħu jiġu inklużi fil-Global Gateway.

1.6. Il-KESE jinsisti fuq il-ħtieġa li l-korpi Ewropej kompetenti jiżguraw informazzjoni dettaljata u aċċess sħiħ għall-proġetti tal-Global Gateway u l-atturi involuti.

1.7. Il-KESE jissuġġerixxi li jinħoloq punt uniku ta' servizz fir-rappreżentanzi tal-UE biex jiġi promoss l-investiment tas-settur privat u jiġu involuti l-atturi ekonomiċi u soċjali kollha fil-livell reġjonali u lokali.

1.8. Il-KESE jenfasizza li għad hemm nuqqas sinifikanti ta' ċarezza rigward in-natura tal-inizjattiva "Belt and Road" (BRI) u l-kriterji biex il-proġetti jiġu inklużi fil-lista uffiċjali tagħha. Konsegwentement, huwa essenzjali li r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (RPĊ) tipprovdi informazzjoni preċiża u aġġornata dwar il-programmi ta' investiment relatati mal-BRI sabiex tiżgura trasparenza u ċarezza akbar dwar din l-inizjattiva.

1.9. Il-KESE jiddispjaċih għan-nuqqas ta' involviment reali tal-atturi lokali Ewropej, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, fil-proċess kollu tal-iżvilupp, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti implimentati taħt il-BRI fl-UE. F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq jaqdi rwol aktar attiv fl-istadji kruċjali tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-proġetti ta' żvilupp assoċjati mal-BRI u l-Global Gateway.

1.10. Il-KESE jemmen li n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-programmi tal-infrastruttura tal-UE u tar-RPĊ wassal għal inkonsistenzi fl-infrastruttura tal-konnettività, u jenfasizza r-riskju li l-investimenti tal-BRI jistgħu jimminaw is-sjieda tal-infrastruttura strateġika nazzjonali tal-UE.

1.11. Il-KESE jqajjem tħassib dwar in-nuqqas ta' koordinazzjoni fl-adeżjoni tal-Istati Membri tal-UE mal-BRI, ir-riskji għall-kompetittività tal-UE, id-drittijiet tax-xogħol, il-ħasil tal-flus, id-dejn u kwistjonijiet ambjentali relatati mal-investimenti Ċiniżi fil-proġetti tal-BRI.

1.12. Il-KESE jqis li huwa essenzjali li tittejjeb il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-BRI sabiex tiġi evitata frammentazzjoni tar-relazzjonijiet mar-RPĊ li tkun ta' ħsara għall-UE kollha kemm hi. Huwa kruċjali li tiġi żgurata azzjoni konġunta mill-Istati Membri tal-UE lejn iċ-Ċina u li tiġi promossa komunikazzjoni effettiva bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u r-RPĊ.

1.13. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-proġetti tal-BRI u tal-Global Gateway jirrispettaw għadd ta' prinċipji u objettivi, inklużi l-konformità mal-valuri tal-UE u l-preżentazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati biex tiġi żgurata l-adegwatezza tagħhom.

1.14. Għall-KESE: **il-proġetti li jaqgħu taħt il-BRI** u li jitwettqu fis-27 Stat Membru tal-UE jew barra minnhom, iżda li xorta jinvolvu atturi ekonomiċi mill-Istati Membri tal-UE (bħala benefiċjarji, fornituri jew donaturi) u **l-proġetti tal-Global Gateway** iridu jgħaddu minn **valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, finanzjarju, soċjali, ambjentali u legali** li turi l-adegwatezza u l-kompatibbiltà tagħhom mal-valuri tal-UE u l-prinċipji u l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 5.1.1 hawn taħt.

2. **Introduzzjoni**

2.1. F'dawn l-aħħar snin, id-diskrepanza globali fl-investiment bejn il-pajjiżi b'introjtu għoli u l-pajjiżi b'introjtu medju-baxx kibret, prinċipalment minħabba l-effetti tal-polikriżi kkawżata mill-pandemija, l-invażjoni Russa tal-Ukrajna u l-kunflitt reċenti bejn l-Iżrael u l-Palestina.

2.1.1. Dan in-nuqqas ta' finanzjament, minbarra li għandu impatt negattiv fuq il-konnettività globali, huwa opportunità għall-atturi globali ewlenin fix-xena globali biex iwessgħu l-isfera ta' influwenza ġeopolitika tagħhom, fejn il-politika tal-infrastruttura llum hija l-qalba ta' din il-politika.

2.2. Matul l-aħħar għaxar snin, xi pajjiżi implimentaw strateġija li permezz tagħha s-setgħa ta' persważjoni u l-influwenza politika jistgħu jiġu bbilanċjati permezz ta' programmi ta' investiment kbar immirati lejn pajjiżi msieħba: l-inizjattiva "Belt and Road" (BRI) imnedija mir-RPĊ fl-2013, is-Sħubija tal-Istati Uniti għall-Infrastruttura u l-Investiment Globali (PGII), l-Inizjattiva Ekoloġika Nadifa tar-Renju Unit, is-Sħubija għal Infrastruttura ta' Kwalità tal-Ġappun u l-Kuritur Ekonomiku bejn l-Indja, il-Lvant Nofsani u l-Ewropa (IMEC).

2.3. F'Diċembru 2021, l-Unjoni Ewropea (UE) nediet ukoll l-istrateġija Global Gateway tagħha stess, kemm biex tappoġġja l-konnettività globali kif ukoll biex twieġeb għall-BRI, li, matul l-aħħar għaxar snin f'diversi okkażjonijiet kellha impatt fuq l-unità tal-UE.

2.3.1. Mill-inqas sal-2019, is-27 Stat Membru tal-UE ma adottawx politika unifikata dwar il-BRI, fir-rigward:

— **tal-viżjoni komuni ta' din l-inizjattiva**, bi 18-il Stat Membru tal-UE li ffirmaw f'ordni mferrxa l-Memorandum ta' Qbil maċ-Ċina ([1]) u b'20 Stat Membru tal-UE li ngħaqdu mal-istrument finanzjarju ewlieni tal-BRI: il-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura (AIIB) ([2]) mingħajr ftehim minn qabel mal-istituzzjonijiet tal-UE;

— **l-effetti li jista' jkollha kemm f'termini ta' politiki tal-viċinat** (eż. l-effetti tar-raggruppament ta' 14 + 1 pajjiż ma' 9 Stati Membri tal-UE ([3]) b'mod partikolari maż-żona tal-Balkani) **kif ukoll fil-programmi tal-UE diġà stabbiliti** bħan-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T).

2.4. Fl-2019, l-istrateġija tal-UE lejn il-BRI inbidlet radikalment. Il-Komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar "L-UE u ċ-Ċina — prospettiva strateġika" ([4]) tistabbilixxi l-bidla finali minn viżjoni taċ-Ċina bħala "**msieħeb strateġiku**" għal qafas divrenzjat li fih iċ-Ċina titqies bħala "**imsieħeb fil-kooperazzjoni, imsieħeb fin-negozjati, kompetitur ekonomiku u rivali sistemiku**". Dan il-mument jimmarka punt kruċjali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, u din tal-aħħar qed tibda tiġi pperċepita f'kull aspett primarjament bħala rivali sistemiku li qed jitbiegħed bil-qawwa mir-rwol ta' msieħeb. It-tliet għanijiet stabbiliti huma: i) li jiġi approfondit l-involviment maċ-Ċina biex jiġu promossi l-interessi komuni fil-livell globali; ii) li jiġu promossi relazzjonijiet ekonomiċi aktar ibbilanċjati u reċiproċi; iii) li jissaħħu l-politiki interni u l-bażi industrijali tagħha. Għaxar azzjonijiet huma stabbiliti wkoll permezz ta' novità interessanti ta' **approċċ uniformi li għandu jittieħed mis-27 Stat Membru kollha tal-UE**. B'dan id-dokument, l-UE tirrikjedi li l-"**Politika ta' Ċina Waħda**" adottata mill-UE għandha tkun akkumpanjata minn "**Politika ta' Ewropa Waħda**" min-naħa Ċiniża mingħajr ma jinħolqu diviżjonijiet fi ħdan l-UE.

2.5. Din il-bidla fl-approċċ — min-naħa tal-UE — ġiet imsaħħa fl-2020-2022 bil-konsegwenzi tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19 (tfixkil fil-ktajjen tal-provvista għal oġġetti u servizzi, dipendenza minn provvisti ta' oġġetti strateġiċi, eċċ.), bl-effetti tal-aggressjoni vivaċi tar-Russja fuq l-Ukrajna (dipendenza enerġetika, inflazzjoni, staġnar, flussi ta' refuġjati Ukreni) u għadd ta' politiki implimentati mir-RPĊ (kontromiżuri għas-sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem u miżuri kummerċjali kontra s-suq uniku u l-pożizzjoni kontroversjali taċ-Ċina dwar il-gwerra fl-Ukrajna).

2.6. Huwa f'dan il-kuntest li l-UE — permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Marzu 2022 — ippromoviet **il-prinċipju ta' awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni Ewropea**, bl-għan li tikseb prinċipju li permezz tiegħu tafferma mill-ġdid l-impenn li ħadet fis-Summit ta' Versailles tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022 li tieħu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tal-UE u li tieħu passi deċiżivi ulterjuri biex tibni s-sovranità Ewropea tagħha, tnaqqas id-dipendenzi tagħha u tfassal mudell ġdid ta' tkabbir u investiment għall-2030 billi tikseb "l-awtonomija ekonomika u finanzjarja tagħha, filwaqt li żżomm il-ftuħ, il-kooperazzjoni globali ma' sħab tal-istess fehma u l-kompetittività tagħha, u taħsad il-benefiċċji potenzjali tagħhom".

2.7. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, anke l-Global Gateway għandu jikkontribwixxi biex tintlaħaq l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE billi jippromovi **"valuri demokratiċi u standards għoljin, governanza tajba u trasparenza**" kif ukoll "**l-użu tal-euro fi flussi finanzjarji relatati mal-iżvilupp**".

2.8. Abbażi tal-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, il-KESE — bħala d-"dar" tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ewropej — jemmen li għandha titwettaq valutazzjoni bir-reqqa kemm tal-Global Gateway kif ukoll tal-BRI.

3. **L-istrateġija Global Gateway tal-Unjoni Ewropea**

3.1. Permezz tal-istrateġija Global Gateway, l-UE twiegħed li timmobilizza sa EUR 300 biljun ta' investimenti bejn l-2021 u l-2027 biex ittejjeb l-infrastruttura ta' konnessjoni diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, u ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja.

3.2. Għall-UE, in-nuqqas ta' investiment fil-konnettività jista' jfixkel l-irkupru mill-kriżi attwali u t-tħejjija għal emerġenzi futuri (polikriżi). Barra minn hekk, in-nuqqas ta' infrastruttura jillimita l-potenzjal ekonomiku tal-konnettività bejn l-UE, l-Asja u reġjuni oħra.

([1]) L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja.

([2]) L-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvezja, Ċipru.

([3]) Il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Greċja flimkien mal-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja.

([4]) JOIN/2019/5 final.

3.3. Il-Global Gateway jinħoloq bl-objettivi multipli ta':

a. garanzija ta' swieq ġodda għall-oġġetti u s-servizzi tal-UE;

b. offerta alternattiva vijabbli għal mudelli ta' żvilupp li jikkompetu, bħall-BRI;

c. l-iffaċilitar tal-ilħuq tal-objettivi tad-dekarbonizzazzjoni fid-dinja, fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

d. l-appoġġ tal-affermazzjoni u l-espansjoni *de facto* tal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, tas-sigurtà, l-istandards tekniċi u kummerċjali tal-Unjoni bħala standard globali, li jsaħħu l-ambizzjonijiet tal-Ewropa għal awtonomija strateġika miftuħa.

3.4. Fl-2022 il-Global Gateway ingħata spinta ġdida permezz ta' sensiela ta' pakketti reġjonali importanti ta' investimentli magħhom għandha rabtiet: il-Global Gateway Afrika-Ewropa ta' Frar 2022, li jwieġeb mobilizzazzjoni ta' massimu ta' EUR 150 biljun ta' investiment (bi 11-il kuritur tat-trasport strateġiċi mmirata li jiffaċilitaw il-mobilità u l-kummerċ fi ħdan l-Afrika u bejn l-Afrika u l-Ewropa; l-azzjoni għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur reġjonali u kontinentali għall-ottimizzazzjoni taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles tal-Afrika Kontinentali; u l-bini tal-pont fuq ix-xmara Cross, fil-punt tal-qsim tal-fruntiera ta' Mfum-Ekok bejn il-Kamerun u n-Niġerja, li jiftaħ opportunitajiet ta' konnettività bejn il-komunità ekonomika tal-istat tal-Punent tal-Afrika u l-komunità ekonomiku tal-istati tal-Afrika Ċentrali); il-pakkett ta' investiment Global Gateway għar-reġjuni tal-ASEAN, b'valur ta' EUR 10 biljun, u l-inizjattiva Team Europe dwar il-konnettività sostenibbli, li tgħaqqad lill-UE u l-ASEAN.

3.4.1. Pakkett ieħor ta' investiment reġjonali għaż-żona tal-Balkani tal-Punent tħabbar ukoll fi Frar 2022. Il-KE wieġħdet EUR 3,2 biljun f'investimenti biex tappoġġja 21 proġett fis-settur tat-trasport, dak diġitali, u s-settur tas-sostenibbiltà enerġetika u ambjentali. Il-pjan se jgħin biex jingħalaq id-distakk fl-iżvilupp bejn l-UE u r-reġjun u se jappoġġja l-irkupru ekonomiku ta' wara l-pandemija ([5]).

3.5. Fi tmiem l-2022, sena mit-tnedija tal-Global Gateway, l-UE impenjat aktar minn EUR 9 biljun f'għotjiet għal investimenti ewlenin fl-Afrika, fl-Amerika Latina, fil-Karibew u fil-Paċifiku. L-UE approvat ukoll garanziji finanzjarji ta' EUR 6,05 biljun addizzjonali biex tappoġġja 40 programm ta' investiment fl-Afrika sub-Saħarjana, fl-Amerika Latina u fir-reġjun Asja-Paċifiku, li huma mistennija jiġġeneraw aktar minn EUR 50 biljun f'investimenti f'setturi ewlenin. Barra minn hekk, il-ftehim iffirmat f'Mejju 2022 bejn l-EFSD+ u l-BEI ggarantixxa kopertura ta' EUR 26,7 biljun għal self sovran f'setturi bħall-enerġija nadifa u l-infrastruttura ekoloġika. F'dan ir-rigward, diġà ġew approvati 34 proġett għal EUR 7,4 biljun ta' investimenti. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-Balkani tal-Punent u l-pajjiżi ġirien tax-Xlokk, l-UE u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej s'issa mmobilizzaw EUR 14-il biljun mis-EUR 77 biljun ippjanati sal-2027 ([6]).

3.6. Wieħed mill-proġetti ewlenin ([7]) taħt il-kappa tal-Global Gateway, li l-Istati Membri tal-UE tawh l-ogħla prijorità fl-2023 u fil-bidu tal-2024, huwa l-ħolqien ta' sħubijiet bilaterali ma' pajjiżi għonja fir-riżorsi, b'mod partikolari fl-Afrika sub-Saħarjana u fl-Amerika Latina u l-Karibew, bl-għan li dawn ir-realtajiet reġjonali jiġu megħjuna jippromovu l-investimenti tul il-ktajjen tal-valur tal-materja prima kritika. Il-pajjiżi msieħba mbagħad jiġu appoġġjati fl-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur reġjonali, fid-diversifikazzjoni tal-ekonomiji tagħhom u fil-ħolqien ta' valur miżjud lokali.

3.7. *Valutazzjoni tal-Global Gateway*

3.7.1. Il-KESE jilqa' t-tnedija tal-Global Gateway u jittama li din l-istrateġija tgħin biex jiġi żgurat l-istabbiliment ta' awtonomija strateġika miftuħa tal-UE. B'dan il-mod, il-KESE jemmen li ser ikun possibbli li jissaħħu r-rabtiet ekonomiċi u politiċi mal-pajjiżi msieħba, u jiġi żgurat li l-prinċipji demokratiċi u soċjali tagħha jiġu rispettati u li l-UE tkun tista' tikkompeti b'mod effettiv, primarjament maċ-Ċina u l-Istati Uniti, għall-provvista ta' infrastruttura madwar id-dinja.

3.7.2. Fil-kuntest attwali, il-KESE jemmen li l-Global Gateway jista' jassumi r-rwol ta' għodda ta' stabbilizzazzjoni politika, ekonomika u tas-sigurtà għall-pajjiżi li għandhom fruntiera immedjata mal-Unjoni, li ssaħħaħ il-pożizzjonijiet ġeopolitiċi Ewropej, kemm f'termini tal-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni lejn l-Ewropa kif ukoll fil-mitigazzjoni tar-riskji politiċi, ekonomiċi, soċjali u ambjentali.

([5]) https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_1362
([6]) https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_7656
([7]) https://www.politico.eu/article/eu-sets-outs-projects-to-make-global-gateway-visible-on-the-ground/

3.7.3. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-inizjattiva hija opportunità biex jittejbu l-effiċjenza u l-koerenza tal-politiki tal-UE dwar l-investiment u l-konnettività, il-KESE għandu dubji dwar il-possibbiltà reali li jiġi mobilizzat il-finanzjament meħtieġ ([8]). Mhuwiex ċar kemm mill-investimenti mwiegħda fil-fatt se jimmaterjalizzaw. Kważi nofs it-EUR 300 biljun li l-Kummissjoni Ewropea għandha l-għan li timmobilizza għandhom jiġu katalizzati mis-settur privat. F'Diċembru 2022, sena wara t-tnedija uffiċjali tal-inizjattiva, jidher li l-involviment tas-settur privat għadu marġinali jew għall-inqas fil-proċess li jiġi definit ([9]).

3.7.4. Il-KESE jemmen li l-inizjattiva Global Gateway, li tiffoka prinċipalment fuq il-limitazzjoni tar-riskji ta' stress fuq id-dejn għall-pajjiżi msieħba, tidher li toffri opportunità aktar affidabbli għall-iżvilupp ta' infrastruttura globali minn alternattivi oħra bħall-BRI. Il-mudell ta' finanzjament tal-UE huwa taħlita ta' sussidji, self preferenzjali u garanziji biex jiġi stimulat l-investiment tas-settur privat, u fl-istess ħin il-BRI tiffoka prinċipalment fuq is-self. Sabiex il-Global Gateway ikun jista' jikkompeti ma' inizjattivi ta' investiment ta' partijiet terzi, il-KESE jenfasizza l-importanza li l-proċeduri amministrattivi għall-allokazzjoni tal-fondi jsiru aktar aċċessibbli u li jiġi żgurat li l-proċeduri assoċjati mal-valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali meħtieġa jitwettqu fil-ħin biex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effettività tagħhom għall-atturi involuti.

3.7.5. Il-KESE jemmen li l-Global Gateway għandu jiżgura koordinazzjoni strateġika akbar bejn il-fondi tal-UE u dawk implimentati mis-27 Stat Membru tal-UE. Koordinazzjoni strateġika li s'issa kienet assolutament nieqsa u li għandha tiġi organizzata u kkoordinata mill-Unjoni nnifisha dwar ċerti objettivi ta' politika tal-UE ([10]).

3.7.5.1. Il-KESE jiddispjaċih li ma ġietx ipprovduta biżżejjed informazzjoni għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill tal-Global Gateway fil-11 ta' Diċembru 2022 (eż. dwar il-kompożizzjoni tal-Kunsill), kemm b'mod kwantitattiv kif ukoll kwalitattiv.

3.8. Il-KESE huwa lest li jorganizza laqgħat regolari bejn il-Kunsill tal-Global Gateway u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali biex jiġi żgurat fluss kostanti ta' informazzjoni lill-partijiet ikkonċernati lokali interessati fl-inizjattiva u biex tiġi vvalutata u enfasizzata n-natura strateġika tal-Global Gateway.

3.8.1. Il-KESE jtenni li l-programmi ta' investiment tal-Global Gateway iridu jkunu bbażati fuq valutazzjoni tal-impatt li tenfasizza mhux biss kunsiderazzjonijiet strateġiċi ġeopolitiċi, iżda wkoll l-iżgurar tas-sjieda demokratika tal-inizjattivi ta' żvilupp fil-pajjiżi msieħba u s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali tal-proġetti. Il-KESE jirrimarka li, filwaqt li għall-proġetti ta' investiment iffinanzjati mill-BEI huwa żgurat li dawn ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali u għal monitoraġġ, jibqgħu riżervi fuq proġetti ta' investiment iffinanzjati minn fondi oħra tal-UE, minħabba nuqqas ta' ċarezza dwar kif jiġu vvalutati l-impatt, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' kull proġett.

3.8.1.1. Konfużjoni oħra hija relatata man-natura inklużiva ħafna tal-Global Gateway, li tippermetti lill-Istati Membri tal-UE jippromovu proġetti ta' infrastruttura u investiment iffinanzjati unilateralment jew bilateralment mingħajr superviżjoni diretta tal-istituzzjonijiet Ewropej, jekk ma jkunu ntalbu l-ebda fondi tal-UE. Għal din ir-raġuni, il-KESE huwa mħasseb li proġetti li mhumiex konformi mal-istandards ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-UE jistgħu jiġu inklużi wkoll fl-inizjattiva u li għalhekk jevitaw valutazzjoni adegwata tal-impatt ekonomika, soċjali u ambjentali xierqa.

3.8.1.2. Għalhekk, fil-fehma tal-KESE, għandha tiġi żgurata valutazzjoni tal-impatt għal kull proġett li tirrispetta s-sjieda demokratika u s-sostenibbiltà finanzjarja tiegħu, kemm għall-UE kif ukoll għall-Istati Membri kkonċernati, filwaqt li tiġi żgurata:

— il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

— il-protezzjoni tal-ambjent;

— l-affermazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol;

— il-kompetittività tal-UE.

3.9. Il-KESE jemmen li, sabiex tiġi affermata t-trasparenza meħtieġa tal-inizjattiva Global Gateway, il-proġetti kollha tal-Global Gateway għandhom jiġu rreġistrati fil-portal tal-Global Gateway bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proġetti ta' investiment — inkluża l-valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u ambjentali rilevanti — u dwar l-atturi statali u mhux statali involuti fil-proġetti.

([8]) https://www.europarl.europa.eu/thinktank/mt/document/EPRS_BRI(2023)739296
([9]) https://foreignpolicy.com/2023/01/10/europe-china-eu-global-gateway-bri-economic-development/
([10]) https://www.bruegel.org/blog-post/global-gateway-real-step-towards-stronger-europe-world

3.9.1. Filwaqt li l-KESE jilqa' l-ħolqien tal-Portal *Team Europe Partnership* b'rabta mal-inizjattiva Global Gateway, il-KESE jemmen li hemm potenzjal biex jiġi implimentat aħjar.

3.10. Il-KESE jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jridu jiżguraw informazzjoni u komunikazzjoni effettivi dwar l-opportunitajiet li l-inizjattiva Global Gateway tista' tipprovdi lill-atturi reġjonali u lokali statali u mhux statali, biex b'hekk jiżguraw l-attivazzjoni ta' punt uniku ta' servizz fil-fora ta' rappreżentanza tal-UE u b'hekk jiffaċilitaw l-investiment mis-settur privat tal-UE u l-involviment tal-atturi ekonomiċi u soċjali potenzjali kollha, pubbliċi u privati.

4. **L-istrateġija tal-inizjattiva "Belt and Road" (BRI)**

4.1. Mill-2013, il-BRI għaddiet madwar USD 962 biljun lejn il-kostruzzjoni tal-infrastruttura (EUR 573 biljun) u investiment mhux finanzjarju (EUR 389 biljun) madwar id-dinja ([11]).

4.2. L-għanijiet iddikjarati tal-BRI jinkludu l-koordinazzjoni tal-istrateġiji ta' żvilupp u ż-żieda fil-konnessjonijiet bejn il-pajjiżi parteċipanti, permezz tal-kostruzzjoni ta' infrastruttura, bħal ferroviji, awtostradi, portijiet u pipelines, u l-promozzjoni ta' skambji kummerċjali, finanzjarji u bejn il-persuni. Il-BRI għandha aktar minn 200 dokument ta' kooperazzjoni, iffirmati ma' 151 pajjiż u 32 organizzazzjoni internazzjonali.

4.3. Il-BRI, permezz tal-iżvilupp ta' infrastruttura barra mill-pajjiż, għandha għadd ta' objettivi:

a. jiġu appoġġjati l-esportazzjonijiet (17,1 % tal-PDG fl-2022) u l-iżgurar tal-assorbiment tal-produzzjoni żejda tal-manifattura Ċiniża mhux assorbita mid-domanda domestika f'setturi bħall-ħadid u l-azzar, l-aluminju, is-siment, il-faħam, il-ħġieġ u l-karta;

b. ir-reġjuni tal-Punent ("il bogħod mit-traffiku marittimu bħal Yunnan u Xinjiang"), permezz tal-bini ta' infrastruttura tat-trasport fl-Asja Ċentrali u fix-Xlokk tal-Asja, jiġu żgurati aċċess imtejjeb għal rotot ta' komunikazzjoni u kummerċ internazzjonali;

c. tiżdied l-influwenza u l-isfida globali taċ-Ċina — permezz tal-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura — ir-rwol dominanti tal-istituzzjonijiet bħall-Bank Dinji u l-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp, bl-għan li tinkiseb riforma komprensiva tas-sistema;

d. billi tippromovi l-kummerċ u l-investiment Ċiniż barra mill-pajjiż, il-BRI tista' tkun għodda importanti biex jiġi stimulat ir-rwol tal-munita Ċiniża, ir-Renminbi, bħala munita internazzjonali;

e. il-kostruzzjoni ta' infrastruttura loġistika ġdida tista' tippermetti liċ-Ċina tikseb parti mill-provvista tal-enerġija tagħha minn kanali alternattivi għar-rotta tal-Istrett ta' Malacca, li minnha huwa stmat li jgħaddu 80 % tal-importazzjonijiet taż-żejt Ċiniżi.

4.4. F'dawn l-aħħar snin, il-BRI naqqset ir-ritmu kemm fl-għadd ta' proġetti ġodda kif ukoll fil-valur tal-kuntratti ffirmati. Fl-2022, iċ-Ċina kkonkludiet 5 514-il kuntratt ġdid (743 inqas mill-2021) b'valur ta' USD 130 biljun (– 3,3 %) ([12]). Huwa plawżibbli li dan it-tnaqqis huwa relatat ma' fatturi bħal kawtela akbar tal-iżviluppaturi u l-investituri Ċiniżi fir-rigward tal-fattibbiltà u r-redditu ekonomiku tal-investiment u rieda aktar baxxa tal-pajjiżi msieħba li jġarrbu djun ġodda biex jiffinanzjaw proġetti relatati mal-BRI.

4.4.1. Diversi pajjiżi msieħba sabu difetti fil-kostruzzjoni fl-infrastruttura ffinanzjata taħt il-BRI, u qajmu dubji dwar il-kwalità tal-proġetti previsti mill-inizjattiva ([13]). Fl-istess ħin, xi proġetti ġew sospiżi jew ikkanċellati minħabba tħassib relatat ma' dejn eċċessiv, prezzijiet eċċessivi u każijiet ta' korruzzjoni ([14]). Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' xi proġetti kkontribwixxiet b'mod sinifikanti għall-instabbiltà finanzjarja ta' xi pajjiżi msieħba. Fil-każ tal-Montenegro, li 25 % tad-dejn pubbliku tiegħu huwa miżmum miċ-Ċina, id-djun imġarrba biex jiġu ffinanzjati proġetti infrastrutturali marbuta mal-BRI spiss jitqiesu bħala l-iskattatur għan-nuqqas ta' sostenibbiltà tad-dejn tal-pajjiż ([15]).

4.4.2. L-inizjattiva ġiet ikkritikata għan-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-istandards ambjentali tal-proġetti ([16]). Barra minn hekk, il-kumpaniji Ċiniżi involuti fl-implimentazzjoni tagħhom spiss ippreferew il-forza tax-xogħol Ċiniża (billi jevitaw ir-regolamenti nazzjonali dwar il-liġi tax-xogħol u s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali) minflok dik lokali, u b'hekk ma ħallewx lill-pajjiżi msieħba jieħdu vantaġġ minn proġetti biex jokkupaw parti mill-forza tax-xogħol tagħhom u jibbenefikaw mit-trasferiment tal-ħiliet.

([11]) https://www.aei.org/china-global-investment-tracker/
([12]) http://fec.mofcom.gov.cn/article/fwydyl/tjsj/202302/20230203384457.shtml
([13]) https://www.wsj.com/amp/articles/china-global-mega-projects-infrastructure-falling-apart-11674166180
([14]) https://www.businessinsider.com/china-spends-twice-us-but-belt-road-initiative-losing-steam-2021-9?r=US&IR=T
([15]) https://thediplomat.com/2020/09/will-montenegros-new-government-bring-a-new-china-strategy/
([16]) https://www.iai.it/en/pubblicazioni/how-green-chinas-belt-and-road-initiative

4.4.3. Fit-tielet Forum "Belt and Road" għall-Kooperazzjoni Internazzjonali li sar f'Ottubru 2023, ġie mtenni li l-BRI, għalkemm evolviet, tibqa' essenzjali għall-istrateġija ġenerali tar-RPĊ. Fis-snin li ġejjin, il-BRI se tiffoka fuq tmien objettivi ewlenin biex jiġi promoss tkabbir ta' kwalità għolja ([17]). Dawn jinkludu: i) l-espansjoni tal-Ferroviji Express bejn iċ-Ċina u l-Ewropa; ii) il-parteċipazzjoni fil-Kuritur Trans-Kaspju; iii) żoni kummerċjali ġodda tal-BRI; iv) aċċess akbar għall-investiment barrani; v) finanzjament għal proġetti innovattivi; vi) l-iżvilupp sostenibbli; vii) it-taħriġ, l-iskambji kulturali u xjentifiċi; viii) il-promozzjoni tal-integrità u t-tishih tal-istituzzjonijiet tal-BRI.

4.4.3.1. L-impenn taċ-Ċina għal ftuħ akbar tas-suq għall-kumpaniji barranin ġie affermat mill-ġdid ukoll matul il-Forum, li jwieġħed aktar minn USD 100 biljun f'finanzjament ġdid għall-ekonomiji emerġenti, b'enfasi partikolari fuq il-banek tal-iżvilupp Ċiniżi u l-Fond tat-Triq tal-Ħarir, filwaqt li enfasizza l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar bħala mezz biex jissaħħu r-rabtiet mad-dinja li qed tiżviluppa u tiġi bbilanċjata l-influwenza tal-Punent ([18]).

4.5. *Valutazzjoni tal-inizjattiva "Belt and Road"*

4.5.1. Għalkemm għaddew għaxar snin mit-tnedija tal-BRI, il-KESE jemmen li hemm nuqqas sostanzjali ta' ċarezza dwar in-natura tal-inizjattiva u, konsegwentement, dwar il-kriterji biex proġett jiġi inkluż fil-lista uffiċjali tal-proġetti tal-BRI. Għalhekk, il-KESE jemmen li, għal raġunijiet ta' trasparenza u ċarezza, ir-RPĊ għandha tipprovdi informazzjoni preċiża u aġġornata dwar il-programmi ta' investiment relatati ma' din l-inizjattiva.

4.5.2. Il-KESE jiddispjaċih li t-tnedija tal-BRI, kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi mhux tal-UE iżda ġirien, wasslet għal nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-programmi ta' infrastruttura bejn l-UE u ċ-Ċina, u ħolqot inkonsistenzi fl-infrastruttura tal-konnettività. Il-KESE jirrimarka wkoll li l-investimenti tal-BRI jistgħu jdgħajfu s-sjieda tal-infrastruttura nazzjonali strateġika fl-Istati Membri tal-UE.

4.5.3. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għal nuqqas totali ta' reċiproċità fir-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u r-RPĊ, għad-detriment tal-kumpaniji tal-UE.

4.5.4. Il-KESE huwa mħasseb ħafna li l-iffirmar ta' Memorandum ta' Qbil minn Stati Membri individwali tal-UE, mingħajr ebda tip ta' koordinazzjoni mwettqa mill-istituzzjonijiet Ewropej, jista' jdgħajjef l-unità tal-UE. Il-KESE jtenni wkoll li l-qafas ta' kooperazzjoni "14 + 1", li 9 Stati Membri tal-UE huma membri tiegħu, jista' joħloq xi riskji għall-koeżjoni tal-UE.

4.5.5. Fil-fehma tal-KESE, il-proġetti tal-BRI, jekk ma jiġux ivvalutati bir-reqqa, jistgħu jagħmlu ħsara lill-kompetittività fit-tul tal-UE, bħala riżultat tat-trasferiment furzat tat-teknoloġija lejn iċ-Ċina.

4.5.6. Il-KESE jiddispjaċih li l-kumpaniji Ċiniżi li jinvestu fi proġetti tal-BRI fit-territorji tal-UE ma jiggarantixxux ir-rispett għad-drittijiet soċjali u tal-ħaddiema.

4.5.7. Il-KESE jinnota li l-investimenti Ċiniżi fi proġetti tal-BRI, peress li ma jikkonformawx mar-regolamenti finanzjarji tal-UE, jirriskjaw li jipprovdu opportunitajiet għall-ħasil tal-flus mill-kriminalità organizzata.

4.5.8. Il-KESE jenfasizza l-fenomenu inkwetanti ta' dejn eċċessiv f'pajjiżi mhux tal-UE u t-telf ta' garanziji strateġiċi li jirriżulta minnu. Dan ġara f'pajjiżi li mhumiex fl-UE bħall-Pakistan, it-Taġikistan, il-Kirgiżistan, is-Sri Lanka, il-Maldivi u pajjiż kandidat tal-UE: il-Montenegro.

4.5.9. Il-KESE jiddispjaċih li l-kumpaniji Ċiniżi involuti fil-programmi tal-BRI ma jikkonformawx mal-istandards ambjentali tal-UE billi jkomplu jiffinanzjaw u jimplimentaw proġetti li huma inkompatibbli mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4.5.10. Il-KESE jirrikonoxxi li l-BRI kull m'għamlet huwa li mliet spazju li tħalla vojt bi żball fis-"sottovalutazzjonijiet" tal-UE u l-Istati Membri tagħha matul id-deċennju 2010-2019. Għalkemm mill-2007, bl-Istrateġija għall-Asja Ċentrali, l-UE kienet identifikat il-prijoritajiet strateġiċi għall-konnessjonijiet bejn in-networks tat-trasport u tal-enerġija, bil-BRI waħedha fluss sinifikanti ta' investiment huwa dirett lejn din iż-żona u żoni oħra (il-Balkani, il-portijiet tal-Mediterran u tal-Atlantiku, l-Afrika, ix-Xlokk tal-Asja, eċċ.). F'dan il-kuntest, l-investimenti li saru mill-kumpaniji Ċiniżi ċertament tejbu l-interkonnettività tal-infrastruttura ta' dawn iż-żoni u n-nodi intermodali strateġikament importanti.

([17]) https://www.chinadaily.com.cn/a/202310/18/WS652f416ca31090682a5e92d2.html
([18]) http://www.beltandroadforum.org/english/

4.5.11. Il-KESE jinnota li l-UE ffinanzjat proġetti taħt il-BRI jew direttament (eż. il-Pont Pelješac fil-Kroazja) jew indirettament (permezz tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment), mingħajr ma żgurat il-koordinazzjoni meħtieġa jew tal-anqas il-konformità mal-istandards ambjentali u soċjali, eċċ ([19]).

4.5.12. Il-KESE jemmen li l-BRI teħtieġ qafas għal koordinazzjoni akbar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u s-27 Stat Membru. Mhuwiex mixtieq li r-relazzjonijiet maċ-Ċina jiġu fdati lil 27 relazzjoni bilaterali, jew jiġu ġestiti permezz ta' Memoranda ta' Qbil individwali jew oqfsa ta' kooperazzjoni, bħall-14 + 1. F'kuntest bħal dan, ir-relazzjonijiet ta' saħħa bejn is-27 Stat Membru tal-UE, għalkemm jistgħu jispiċċaw jagħtu preferenza lil ċerti Stati, ġeneralment għandhom it-tendenza li jiffavorixxu liċ-Ċina biss u joħolqu riskju sistemiku għall-UE kollha kemm hi. Għaldaqstant, huwa kruċjali li tiġi żgurata azzjoni konġunta mill-Istati Membri tal-UE lejn iċ-Ċina u li tiġi promossa komunikazzjoni effettiva bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u r-RPĊ.

4.5.13. Il-KESE għandu tħassib ambjentali u ta' sigurtà dwar l-intenzjonijiet tar-RPĊ li tuża r-rotta tal-Artiku bħala t-Triq tal-Baħar tat-Tramuntana tal-BRI, li tiffaċilita l-flussi marittimi mill-Istrett ta' Malacca.

4.5.14. Il-KESE jiddispjaċih li l-BRI ma tipprevedix involviment reali tal-atturi lokali (l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali) fit-tfassil tal-proġetti kif ukoll il-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom, u b'hekk tintilef opportunità importanti għall-kondiviżjoni ta' dawn il-proġetti mal-atturi lokali fil-mira ewlenin.

5. **Għal strateġija komuni tal-"Global Gateway tal-UE" u tal-inizjattiva "Belt and Road"**

5.1. Il-KESE jittama li jinħolqu l-kundizzjonijiet malajr kemm jista' jkun sabiex il-Global Gateway, il-BRI u l-PGII ikunu jistgħu jikkomplementaw lil xulxin, li huwa sinjal ta' distensjoni fir-relazzjonijiet globali.

5.1.1. Il-KESE jaħseb li **l-proġetti li jaqgħu fi ħdan il-BRI** u **li jitwettqu fit-territorju tas-27 Stat Membru tal-UE jew barra minnu, iżda li jinvolvu atturi ekonomiċi mill-Istati Membri tal-UE** (bħala benefiċjarji, fornituri jew donaturi) **l-istess bħall-proġetti tal-Global Gateway, jeħtieġ li:**

— **jippromovu l-prinċipji li ġejjin:**

  — il-paċi u s-sigurtà;

  — il-valuri tal-UE minquxa fit-Trattati;

  — id-drittijiet tal-bniedem kif minquxa fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti (1948);

  — id-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([20]);

  — konformità mal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO. Ir-RPĊ irratifikat sitta mid-disa' konvenzjonijiet fundamentali. Għad iridu jiġu rratifikati: il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru 87), id-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, 1949 (Nru 98), u l-Konvenzjoni dwar il-Qafas Promozzjonali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2006 (Nru 187);

— **jiżguraw l-għanijiet li ġejjin:**

  — l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti;

  — it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali;

  — il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

  — l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE;

  — is-sjieda Ewropea tal-infrastruttura u l-produzzjoni strateġika tal-UE;

  — il-kompetittività tal-UE;

  — kundizzjonijiet ekwivalenti u kompetizzjoni ġusta;

  — il-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-ħasil tal-flus.

([19]) Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, 2020 "Ir-rispons tal-UE għall-istrateġija ta' investiment immexxija mill-Istat taċ-Ċina". Analiżi Nru 03.
([20]) ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

Abbażi ta' dawn il-prinċipji u l-objettivi, il-proġetti tal-BRI, kif ukoll dawk tal-Global Gateway, għalhekk se jkollhom jgħaddu minn **valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, finanzjarju, soċjali, ambjentali u legali** biex juru l-adegwatezza u l-kompatibbiltà tagħhom mal-valuri tal-UE u mal-prinċipji u l-objettivi msemmija hawn fuq stabbiliti f'dan il-paragrafu.

5.1.1.1. Il-valutazzjoni tal-impatt trid titwettaq fi żmien raġonevoli:

— **fil-każ tal-BRI: b'mod konġunt mill-UE u l-Istati Membri involuti fil-proġett tal-BRI;**

— **fil-każ tal-Global Gateway: mill-UE u l-Istati Membri involuti fil-proġett Global Gateway**;

qabel ma jitħallew jitnedew proġetti bħal dawn fit-territorju tal-UE jew jiġu involuti atturi ekonomiċi tal-UE (fil-każ tal-BRI) jew fi stati mhux tal-UE fil-każ tal-Global Gateway.

5.2. Il-KESE jitlob biex jorganizza u huwa lest li jorganizza laqgħat regolari fi ħdan ir-Round Table UE-Ċina biex il-BRI u l-Global Gateway jiġu diskussi mar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, filwaqt li jfittex li jenfasizza l-opportunitajiet u l-isfidi taż-żewġ programmi u soluzzjonijiet possibbli f'dan ir-rigward.

Brussell, l-14 ta' Diċembru 2023.

Oliver RÖPKE

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew